# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru:445/97

Joseph Mercieca
vs
Kummissarju tat-Taxxi Interni
u Ministru tal-Finanzi

Illum 20 ta’ Gunju, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta’ Mejju, 1987 u l-15 ta’ Mejju, 1995, u b’mod iktar preciz fi jew ghall-habta ta’ l-1994 ir-rikorrent sofra ngustizzja billi ma nghatax arretrati li kien ikkwalifika ghalihom.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:-

Illi r-rikorrent kien dahal jahdem mad-Dipartiment tat-Taxxi Nterni fl-1966 bhala *Temporary Labourer*, izda kien jaghmel xoghol ta' skrivan.

Illi minhabba n-natura tax-xoghol li kien qed isir fis-sezzjoni fejn kien qieghed jahdem ir-rikorrent, u li kien 'il fuq minn dak li normalment jaghmel *Labourer*, kienu saru diversi talbiet lill-Gvern sabiex itejjeb il-pozizzjoni ta' dawk il-haddiema biex jinghataw il-grad li kien haqqhom.

Illi din it-talba kienet giet milqugha tant li shab ir-rikorrent li kienu fil-grad tieghu kienu ghamlu interview ghall-habta ta' l-1970 u gew offruti mill-OPM il-grad ta' *Corridor Supervisor.*

Illi r-rikorrent qatt ma nghata l-opportunita li joqghod ghal dan l-imsemmi interview bhal shabu u ghalhekk il-grad offrut lil shabu ma giex offrut lilu. Ta min isemmi li dan kollu sar minn wara dahar ir-rikorrent u lilu qatt ma nfurmawh b'xejn.

Illi fl-1994 shab ir-rikorrent li kienu qaghdu ghall-interview flimkien ma' ohrajn li bhalu m'ghamlux l-interview inghataw arretrati ta' Lm1600 pero' ir-rikorrent ma nghata xejn.

Illi wara dan, ir-rikorrent indaga ma' shabu biex ikun jaf kif saru l-affarijiet u gie nfurmat li lil shabu kienu qed javvacinawhom tlieta minn nies li kienu jgiegheluhom jiffirmaw xi forma ta' petizzjoni lill-Gvern fuq il-pozizzjoni taghhom pero' ir-rikorrent dejjem thalla barra u qatt ma gie nfurmat b'xejn.

Illi r-rikorrent hass li saret ingustizzja mieghu u dan minhabba t-twemmin politiku tieghu jew raguni ohra bla bazi u li minhabba f'hekk sofra danni finanzjarji.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li dan it-Tribunal sabiex jisma' u jiddeciedi dwar dawn l-ilmenti skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata l-arretrati li gie mtellef ingustament, jew jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, billi jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont li dan it-Tribunal jidhirlu xieraq fic-cirkostanzi.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni u tal-Ministru tal-Finanzi li eccepew:-

Illi l-Ministru tal-Finanzi m'huwiex il-legittimu kontradittur ghall-ilment.

Illi l-ilment huwa nfondat stante li r-rikorrent sostanzjalment qed jilmenta li persuni ohra nghataw kumpens wara talba li kienu ghamlu lill-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji mentri hu, li ma ghamel l-ebda talba quddiem dik il-Kummissjoni ma nghatax.

Huwa car illi, bhas-sistema gudizzjarja, is-sistema ta' konsiderazzjoni ta' ilmenti minn organi amministrattivi huwa bazat fuq il-fatt illi l-persuna li thoss ruhha aggravata tressaq l-ilment taghha quddiem l-awtorita kompetenti. Min ma jressaqx tali lment jaccetta l-istat ta' fatt vigenti.

Ir-rikorrent kien fl-istess pozizzjoni ta' persuni ohra li gie deciz mill-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji li bejn l-1 ta' Ottubru 1971 u t-28 ta' Lulju 1980 sofrew ingustizzja. Dawn il-persuni hadu kumpens.

Ir-rikorrent qatt ma ressaq l-ilment tieghu lill-Kummissjoni u ghalhekk ma kien hemm lanqas seta jkun hemm ebda rakkomandazzjoni fil-konfront tieghu.

Skond l-Artikolu 5(3)(a) ta' l-Att VIII ta' l-1997 it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji m'ghandux guridizzjoni biex jissindaka l-operat tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u ghalhekk il-meritu tad-decizjoni ta' dik il-Kummissjoni, del resto moghtija fil-konfront ta' nies ohra, ma huwiex diskutibbli f'din il-kawza.

Di piu, peress illi l-allegata ingustizzja li saret mar-rikorrent tirrisali ghall-1971 dan it-Tribunal huwa wkoll eskluz milli jiehu konjizzjoni tar-rikors 'ratione temporis'.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti prezentati mill-intimati.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Xehed Joseph Mercieca u kkonferma l-kontenut tar-rikors. Semma' li kien dahal ma' nies ohra mal-Gvern ma' l-Inland Revenue jaghmel xoghol klerikali, pero' kienu fi grad ta' labourers. Fl-1966 baqa' dejjem ma' l-Inland Revenue Department. Fl-1981 kien sar ezami biex isiru skrivani mal-gvern u minn ghamlu ghadda u sar skrivan mal-gvern. Dan ifisser li mill-1966 sal-1981 dejjem ghamel xoghol klerikali li kien xoghol ghola minn dak ta' labourer. Kienu saru ukoll interviews ghal *Corridor Supervisor* izda hu ma ghamilx dan l-interview peress illi ma kienux baghtu ghalih. Ir-rikorrent semma' wkoll li kienet saret anke xi petizzjoni f'dan ir-rigward. Dawn it-tlieta min nies li kienu ghamlu l-petizzjoni kienu ta' l-istess grad u livell tar-rikorrent. Ir-rikorrent kien sar jaf ukoll illi hu thalla barra minn din il-petizzjoni u sostna li thalla barra minhabba motivi politici. Semma' li dawn hadu l-kaz taghhom quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji u li hadu l-flus bhala kumpens ta' l-ingustizzji. Semma' li hu fil-fatt kien prova japplika wkoll quddiem il-Kummissjoni, pero' kien gie infurmat li kien

applika tard. Ghalhekk l-applikazzjoni tieghu ma setghetx tigi accettata mill-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji.

Xehed Vincent Saliba li hu ta' l-istess grad tar-rikorrent. Semma' li dahlu t-tnejn flimkien; hemm biss differenza ta' xhur u li telghu fl-istess grad. Dan semma' li kellu kaz quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ghall-Ingustizzji minhabba fatt li kienu qed jaghmlu xoghol oghla mill-grad taghhom. Ix-xoghol li kienu qed jaghmlu kien oghla mill-grad taghhom u dejjem kien xoghol klerikali. Kienu dehru quddiem il-Kummissjoni u kienu hadu kumpens ta' 'l fuq minn elf lira. Semma' li r-rikorrent kien jaghmel l-istess tip ta' xoghol.

Xehed Saviour Fenech li semma' li kien dahal mac-Civil taht l-istess proceduri bhar-rikorrent u li llum il-gurnata jahdem mad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali. Kienu dahlu bhala labourers on clerical duties. Kienu ghamlu certu ammont ta' snin jaghmlu xoghol klerikali izda l-grad taghhom kien baqa' dak ta' labourers. Imbaghad kien hemm tlieta li kienu tkellmu biex jinghataw status ghax-xoghol li kienu qed jaghmlu. Dawn kienu Michael Vella, illum mejjet, Charles Micallef u Alex Cohen. Huma kienu mweghdin il-grad ta' Corridor Supervisor kif ukoll ta' stampers, izda wara bidla fil-gvern ma inghatawx xejn minn dan il-grad. Kienu ressqu lment quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji u hu kien wiehed minnhom. Il-Kummissjoni kienu taghthom ragun u kienet iddecidiet li huma jinghataw kumpens f'ammont ta' Lm1800 ghall dawk is-snin minn meta suppost

inghatajna l-promozzjoni sa meta ghamilna l-ilment. Semma' li r-rikorrent fil-fatt ma kienx ghamel dan l-ilment.

Xehed George Sammut Assistant Director fil-*Capital Transfer Duty* ta' l-Inland Revenue Department u jikkonferma l-kontenut tar-risposta ta' l-intimat. Il-kumpens li nghata lill-impjegati li gew elenkati a fol 6 tal-process kien b'rizultat ta' decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Ivestigazzjoni ta' Ingustizzji, u r-rikorrent ma kienx wiehed minn dawk li ghamel l-liment. L-ammont li thallas lil dawk li ghamlu l-ilment kien ta' madwar Lm1800 kull persuna.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent kien dahal jahdem mal-gvern fl-1966 u ghalkemm dahal fil-grad ta' labourer kien jaghmel xoghol klerikali u ghalhekk kien jaghmel xoghol li kien aktar gholi mil-livell tieghu. Dan ix-xoghol sar bejn in-1966 u n-1981 meta r-rikorrent kien ghamel ezami u sar skrivan u ghadda. Minn dan kollu jirrizulta car, illi ghalhekk l-ilment jirreferi ghas-snin bejn l-1966 u l-1981. U fil-fatt jidher car li saret ingustizzja mar-rikorrent fis-sens illi dan kontrarjament ghal shabu ma bbenefikax mis-somma ta' Lm1800. Il-problema tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji hija li a tenur tal-artikolu 5 sub-artiklu 4 ta' l-att VIII tal-1997 dan jippreskrivi illi dan l-att ma ghandu jkun japplika ghal-ebda att jew omissjoni li jkunu graw qabel id-9 ta' Mejju, 1987 jew wara 15 ta' Mejju, 1995. U fi ftit kliem, ghalhekk ***"ratione temporis"***, it-Tribunal huwa prekluz milli jiehu konjizzjoni ta' l-ilment tar-rikorrent. U ghalkemm saret ingustizzja fil-konfront tar-rikorrent, sfortunatament it-Tribunal

ghandu jdejh marbuta li ma jistax jilqa' t-talba tar-rikorrent minhabba li din tesorbita mill-kompetenza tieghu ***"ratione temporis"***.

Ghal dawn il-motivi mhux relevanti li joqghodu jigu kkunsidrati l-eccezzjonijiet l-ohra ghal kaz, u jiddikjara ruhu inkompetenti ***"ratione temporis"*** minhabba natura tal-kaz.

Spejjez bla taxxa.